# Restawr u Konservazzjoni tal-Kwadru tad-Depożizzjoni



Bla dubju ta' xejn waħda mill-aktar opri ta' l-arti ta' preġju li nsibu fil-Knisja ta' Lapsi huwa l-kwadru li jirraffigura lill-*Kristu Mniżżel minn fuq is-Salib*, xogħol ta' l-iskola ta' Mattia Preti. Dan il-kwadru drammatiku, żejt fuq it-tila b'qisien ta' 217 ċentimetri għoli u 165 ċentimetri wiesgħa, illum jinsab f'dik li kienet in-niċċa tal-vara titulari ta' San Ġiljan Ospidalier. Ir-Rettur u l-membri ta' l-għaqda tagħna ilhom konxji mill-fatt li din l-opra ta' l-arti tirrekjedi intervent ta' restawr minħabba li l-kundizzjoni tagħha ma tistax tiġi deskritta bħala waħda tajba. Kien għalhekk li f'Novembru li għadda r-Rev. Rettur ikkummissjona lill-kumpanija ta' restawr *PREVARTI* sabiex tagħmel rapport fuq il-qagħda tal-kwadru u tagħmel il-proposti għal intervent ta' konservazzjoni u restawr.

Is-Sur Pierre Bugeja B.Cons. (Hons.), li stabilixxa l-kumpanija ta' restawraturi u konservaturi professjonali: *PREVARTI* fl-2005, ippreżenta rapport dettaljat wara spezzjoni li saret fuq l-inkwadru nhar it-8 ta' Novembru 2008. Ir-rapport jagħti tagħrif fuq il-pittura nfisha, l-istat ta' konservazzjoni preżenti, kif ukoll proposta għal intervent ta' trattament.

***Il-Pittura Nfisha***

Il-pittura fl-ispirtu tal-Barokk, hija attribwita liċ-ċirku ta' Mattia Preti. Preti kellu bottega fil-Belt Valletta li kien jiġbed ħafna ammiraturi. Jingħad li din il-pittura hija kopja ta' l-oriġinal mitluf ta' Preti (1613-1699). Jeżistu żewġ kopji oħra li nafu bihom: waħda fil-mużew tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Lija u oħra fl-Ospizju ta' San Ġużepp ġewwa Bormla. Huwa wisq probabbli li anke din il-kopja saret fis-seklu XVII għaliex hija influwenzata mit-teknika tal-*chiaroscuro*, li Preti kien diġà f'fażi aħħarija tal-karriera tiegħu[1].

***Stat ta' Konservazzjoni***

It-tila tal-pittura hija mqiegħda fuq qafas li jinsab f'kundizzjoni tajba ta' preżervazzjoni, u għalhekk jista' jinżamm u jiġi użat waqt il-proċess ta' restawr. It-tila hija magħmula minn tliet saffi. Huwa evidenti li f'xi interventi fil-passat żdiedu biċċiet ta' tila permezz ta' xi kolla mat-truf tat-tila oriġinali sabiex il-pittura tkun tista tiġi stirata meta titbewwaq[2].



***Dettalji mill-kwadru msemmi li juru l-istat ta' deterjorazzjoni li fih, kif spjegat aktar f'dan l-artiklu. Il-ħidma li qed tipproponi l-kumpanija PREVARTI hija waħda professjonali, kif jixraq lil kwadru ta' preġju bħal mhu dan.***



Fattur li żgur ikkontribwixxa għall-ħsara kien l-infiltrazzjoni ta' ilma – dan huwa evidenti speċjalment fuq wara tal-kwadru. Dan ikkawża ħsarat għaliex l-espansjoni u l-kontrazzjoni tal-qafas ikkawża ħsarat lis-saffi taż-żebgħa u telfien ta' biċċiet miż-żebgħa. It-trab u l-ħmieġ akkumulat fuq wara tal-pittura, bl-infiltrazzjoni ta' l-ilma, immoffa u għalhekk attira l-umdita'. Il-pittura għandha ukoll xi tiċrit fuq iż-żewġ naħat t'isfel. Il-qafas u t-tila għandhom bżonn urġenti ta' intervent.

***Saffi ta' Żebgħa u Verniċ***

Is-saff taż-żebgħa ta' din l-immaġini ta' importanza estetika u storika qiegħed f'periklu li jintilef minħabba l-istat avvanzat ta' deterjorazzjoni. Kien hemm numru ta' telfiet ta' biċċiet taż-żebgħa li rriżultaw mill-espansjoni u l-kontrazzjoni tat-tila u l-qafas tagħha minħabba l-umdita'. Waqt l-ispezzjoni nstab li l-pittura kienet ġiet irtukkjata f'xi partijiet. Intervent ta' restawr jista' jiddetermina kemm il-pittura oriġinali ntmisset maż-żmien. Is-saff tal-verniċ sar safrani ma' l-inxif u għalhekk qed ifixkel l-apprezzament tat-tonalita' tal-pittura[3].

### *Proposta għal Intervent ta' Restawr u Konservazzjoni*

Il-proposta ta' intervent u restawr tinkludi:

- ▶tindif u trattament preventiv għall-qafas tat-tila kontra ħsara li tista' ssir minn insetti u min-nar;
- ▶tneħħija tat-tila miżjuda waqt interventi preċedenti;
- ▶tindif tan-naħa ta' wara tat-tila;
- ▶tiswija ta' tiċrit;
- ▶tneħħija ta' deformazzjonijiet fil-qafas;
- ▶trattament ta' emerġenza riversibbli fuq is-sit (qabel it-trasport tal-pittura lejn il-laboratorji);
- ▶twittija u tisħiħ ta' partijiet imbewwqa;
- ▶tindif tal-wiċċ tal-pittura u tneħħija tas-saff ta' depożiti;
- ▶tneħħija tas-saff tal-verniċ u ta' irtokki preċedenti;
- ▶mili ta' *lacunae* u rfinar ta' l-*istucco*;
- ▶kostruzzjoni ta' partijiet nieqsa skond il-prattika professjonali ta' llum; u
- ▶applikazzjoni ta' saff verniċ ġdid (li ma jisfarx maż-żmien).

L-ispiża totali ta' dan il-proġett ser jidħol f'eluf ta' ewro. Il-proġett qed jiġi kkordinat mir-Rettur u Kappillan Fr. Claude Portelli. Nappellaw lil dawk li għandhom għal qalbhom il-patrimonju mhux biss tagħna l-Ġiljaniżi, iżda ta' pajjiżna, biex joffru l-għajnuna tagħhom lill-kappillan, sabiex din l-opra ta' l-arti imprezzabbli terġa' tingħata d-dehra oriġinali tagħha u tibqa titgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri.




RIFERENZI

[1] Mario Buhagiar, *Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u Ta' Lapsi*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, ta' Stanley Fiorini (editur), Malta 1992, 196.

[2] Għal aktar dettalji ara r-rapport tal-kumpanija *Prevarti* – Pierre Bugeja B.Cons. (Hons.), fl-Arkivju San Ġiljan.

[3] Ibid.